MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 33/2003/1

**Fl-Atti tar-Riferenza tal-14 ta' Novembru, 2003, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.) fl-Atti tal-proċedura fl-ismijiet:**

**IL-PULIZIJA (Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Lawrence ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Novembru, 2003[1] (sedenti l-

[1] Paġġ. 456-458 tal-atti tal-Kumpilazzjoni

Maġistrat Dottor Miriam Hayman LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mid-difensur tal-akkużat John Woods waqt is-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2003, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi akkużat fis-sens li d-dewmien fl-għeluq tal-proċedimenti kriminali meħudin kontrih quddiem dik il-Qorti kien ifisser ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Jannar, 2004, li bih appuntat is-smigħ tar-Riferenza għall-20 ta' Jannar, 2004, u tat żmien mid-data tan-notifika lil min għandu interess biex iressaq Tweġiba;

Rat ir-Risposta mressqa fid-19 ta' Jannar, 2004, li biha l-Avukat Ġenerali issottometta:

Illi fil-każ odjern ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba leżjoni tad-dritt għal smigħ fi żmien raġonevoli;

Illi huwa minnu illi ż-żewġ xhieda, Charles Debono u l-espert tossikologu Dr. Michael Scott Han, kienu qed jiġu rikjesti biex jiġu mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati sa mill-bidu nett iżda li ma ġiex spjegat huwa 'l għaliex dawn effettivament għadhom ma telgħux jixhdu;

Illi primarjament l-esponent jixtieq jispjega illi l-każ li fih ix-xhieda msemmija hawn fuq huma rikjesti jirrigwarda akkuża ta' omiċidju involontarju;

Illi s-Sur Charles Debono huwa xhud importanti f'dan il-każ peress illi dan kien kellem lill-Pulizija dwar il-mejta Tereża Agius, dwar il-mewt ta' liema r-rikorrent Lawrence Attard qed jiġi akkużat b'omiċidju involontarju;

Illi dan ix-xhud qed jirrifjuta illi jixhed peress illi qed jgħid illi din ix-xhieda tista' tippreġudika l-proċeduri kriminali li għadhom għaddejjin fil-konfront tiegħu;

Illi min-naħa l-oħra x-xhieda ta’ Dr. Michael Scott Han li huwa espert tossikologu hija importanti stante li huwa kien għamel testijiet fuq kampjuni li ttieħdu mill-katavru ta’ l-istess Tereża Agius;

Illi x-xhud ta’ l-aħħar ma nġiebx minħabba xi problemi amministrattivi li llum ġew sorvelati;

Illi meta titqies in-natura u l-komplessita tal-każ in kwistjoni bl-ebda mod ma jista’ jingħad li hemm dewmien irraġonevoli u dan minħabba r-raġunijiet mogħtija iktar ‘il fuq għall-impedimenti li qiegħda u kellha tinfaċċa l-Prosekuzzjoni biex iġġib dawn iż-żewġ xhieda importanti biex jixhdu fil-każ in kwistjoni;

Illi fil-każ Eckle vs Repubblika Federali tal-Ġermanja (1983 – 5 EHRR 1, 15 Lulju 1982) il-Qorti Ewropea rriteniet - “A reasonablenes requirement exists under Article 6(1) of the Convention. That requirement depends on the circumstances surrounding each case. Thus, the conduct of the applicants, the conduct of the judicial authorities as well as the complexity of the case are all relevant issues”;

Illi fil-każ in diżamina ċ-ċirkustanzi tal-każ huma kumplessi tant li ż-żewġ xhieda imsemmija iktar ‘il fuq huma neċessarji ħafna sabiex il-Prosekuzzjoni tkun tista’ issostni l-każ tagħha;

Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-Avukat Ġenerali;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-akkużat Lawrence Attard fit-18 ta’ Marzu, 2004[2];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-Avukat Ġenerali fit-23 ta’ April, 2004[3];

[2] Paġġ. 11 sa 20 tal-proċess
[3] Paġġ. 21-2 tal-proċess

Rat l-atti proċedurali kollha rilevanti;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' April, 2004, li bih ħalliet ir-Riferenza għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-każ jirrigwarda lment li l-akkużat ressaq waqt waħda minn għadd ta' rinviji matul medda ta' snin rigwardanti l-kumpilazzjoni tal-provi dwar akkużi li dwarhom tressaq b'arrest f'Novembru tal-1999. Il-qofol tal-ilment jikkonsisti fil-fatt li l-Avukat Ġenerali baqa' jisħaq li jitressqu b'xhud Carmel Debono u Dr. Scott Han, u li, minkejja ż-żmien twil li għadda, tali xiehda baqgħu ma nstemgħux. L-akkużat jgħid li dan in-nuqqas qiegħed jikser il-jedd tiegħu għal smigħ fi żmien raġonevoli;

Illi, fit-Tweġiba tiegħu, l-Avukat Ġenerali jgħid li l-ħtieġa li jinstemgħu l-imsemmija żewġ xiehda għadha waħda kruċjali għall-każ. Madankollu, jżid jgħid li r-raġuni għaliex sallum l-istess persuni baqgħu ma tawx ix-xhieda tagħhom hija wkoll waħda valida. Fil-każ tax-xhud Debono, dan qiegħed jirrifjuta li jixhed fl-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-akkużat Attard, għaliex qiegħed jgħid li x-xhieda tiegħu tista' tippreġudika l-qagħda tiegħu fi proċeduri kriminali li jinsabu għaddejjin kontrih. Fil-każ tax-xhud Scott Han, ir-raġuni li għaliha ma nġiebx jixhed kienet "minħabba xi problemi amministrativi li llum ġew sorvelati (*sic*)". Għalhekk, jisħaq li ma kien hemm l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tal-akkużat minħabba f'hekk, billi dawn iċ-ċirkostanzi jinkwadraw irwieħhom fil-qafas ta' żmien raġonevoli li fil-kumpless tas-serjeta' u t-toqol tal-każ huwa meqjus bħala ġustifikabbli;

Illi ta' min jgħid li, għar-rigward tax-xhud Debono, ma ġie bl-ebda mod kontestat mill-akkużat dak li ngħad dwaru mill-Avukat Ġenerali. Il-Qorti tifhem, għalhekk li, bħala fatt, Carmel Debono qiegħed tassew jirrifjuta li jagħti x-xhieda tiegħu b'ħarsien tal-jedd tiegħu (sostnut mil-liġi espressament) li ma jinkriminax ruħu jew jitfa' lilu nnifsu

f'qagħda li tista' tkun ta' ħsara għall-aħjar difiża tiegħu fi proċeduri kriminali oħrajn imressqin kontrih. Fil-każ tax-xhud l-ieħor, jidher (minn dak sottomess mill-akkużat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu) li matul iż-żmien li din il-Qorti kienet qegħda tisma' r-Riferenza, Dr Michael Scott Han inġieb Malta u ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[4];

Illi l-Qorti tixtieq tippuntwalizza li fir-Riferenza tagħha lilha, il-Qorti tal-Maġistrati ma speċifikatx taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien qiegħed jiġi ipotizzat il-ksur illi minnu jilmenta l-akkużat. Dan jingħad ukoll fir-rigward ta' kif l-akkużat irreġistra l-ilment tiegħu fil-verbal tas-smigħ quddiem dik il-Qorti fis-7 ta' Novembru, 2003. Minħabba n-natura partikolari u speċifika li tikkaratterizza l-proċedura tar-Riferenza kostituzzjonali, kien ikun wisq aktar xieraq u mixtieq li tali riferenza ssemmi d-dispożizzjoni tal-liġi li l-ksur tagħha tikkostitwixxi l-"kwestjoni" mertu tar-Riferenza, u dan biex din il-Qorti tkun ċerta li indirizzat it-termini tal-istess Riferenza u lilhom biss. F'kull każ, u mill-kliem użat fid-Degriet tar-Riferenza, il-Qorti qegħda tifhem li l-akkużat qiegħed jallega ksur kemm tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif applikabbli bħala parti mil-liġi Maltija bis-saħħa tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[4] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243-9.

Illi hawnhekk jidher xieraq li jingħad li hemm differenza mhux traskurabbli bejn is-setgħat ta' din il-Qorti meta tkun imsejħa tiddeċiedi kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali direttament u meta, bħal f'dan il-każ, tkun saritilha riferenza minn Qorti oħra dwar kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tkun tqanqlet quddiemha. Huwa meqjus li ż-żewġ għamliet ta' proċeduri huma "paralleli"[5] għal xulxin: dan ifisser li m'humiex l-istess għaliex dak li huwa parallel għal xi ħaġa ma jsir qatt biċċa minnha. Din id-differenza tidher minn kliem il-liġi nfisha;

Illi l-akbar differenza hija fil-fatt li l-proċedura diretta hija dritt u għażla tal-persuna li tkun qegħda tilmenta minn ksur ta' xi dritt fondamentali tagħha; filwaqt li r-riferenza m'hijiex dritt tal-parti imma hija obbligu tal-Qorti li quddiemha jitqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali. Għalhekk, filwaqt li fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(1) u (2) tal-Kostituzzjoni (u/jew l-artikolu 4(1) u (2) tal-Kapitolu 319) din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni oriġinali b'setgħat wesgħin dwar ir-rimedji li tista' tagħti, fit-twettiq tas-setgħat tagħha taħt l-artikolu 46(3) (u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kap 319) din il-Qorti trid tagħti d-deċiżjoni fuq il-kwestjoni mibgħuta quddiemha, iżda hija l-Qorti li tkun bagħtet ir-riferenza lil din il-Qorti li għandha tiddisponi mill-kwestjoni oriġinali li matulha jkun tqanqal il-punt kostituzzjonali jew konvenzjonali[6];

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet saru għaliex din il-Qorti trid tagħmilha ċara li s-sejbien ta' xi ksur ta' dritt fondamentali fit-termini tar-riferenza magħmula lilha ma jagħtihiex il-jedd li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kawża li matulha jkun qam l-episodju li jwassal għall-istess riferenza. B'mod partikolari, għalhekk, lanqas ma jkun fis-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti rimedju li jiddetermina l-eżitu tal-kwestjoni li jikkompeti biss u esklussivament lill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza;

---

[5] Kost. **21.7.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.95**

[6] Kost. **20.3.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Blundell et vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.1**)

Illi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li persuna li titressaq quddiem qorti mixlija b'reat kriminali, u sakemm tali xilja ma tiġix irtirata, għandha tingħata smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Min-naħa tiegħu, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħid li fid-deċiżjoni ta' xilja kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi;

Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li persuna mixlija b'reat kriminali għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b'awtorita' mill-Qorti ta' Starsburgu li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita' li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[7]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għal smigħ fil-preżenza tal-imputat[8] u għal dak li huwa magħruf bħala l-prinċipju tal-"*equality of arms*"[9];

Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni mal-fatti li jsawru dan il-każ, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[10]. Fuq kollox, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh li minħabba l-post ewlieni li d-dritt għal smigħ xieraq jistħoqqlu jingħata f'kull soċjeta' demokratika, m'hemm l-ebda raġuni tajba għaliex id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 għandhom jingħataw tifsira dejqa[11];

---

[7] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3

[8] Ara ECHR **26.9.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Diennet vs France*** (Applik. Nru. 18160/91) par. 33-5

[9] Ara ECHR **17.1.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Delcourt vs Belgium*** (Applik. Nru. 2689/65) par 28; u **16.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rowe and Davis vs U.K.***(Applik. Nru. 28901/95) par 60-2

[10] Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

[11] Ara ECHR 2**.7.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Moreira de Azevedo vs Portugal*** (Applik. Nru. ) par 66

Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, m'huwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[12]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[13];

Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[14]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision (**Salesi vs Italy** (26/2/1993)). It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility (**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994))*[15]. Iżda,

[12] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[13] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** a paġ. 23)
[14] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[15] Ara ECHR fil-kawża fl-ismijiet *A.P. vs Italy* **28.7.1999** (Applic. 35265/97) par 18

dan l-aħħar, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time ġ**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)ħ*[16] ;

Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[17] magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[18];

Illi kemm hu hekk, huwa mgħallem mill-ogħla awtoritajiet konvenzjonali fil-qasam tal-kunċett ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, li t-tul tal-proċeduri jiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari li jsawru kull każ. Ma jeżisti l-ebda żmien assolut li fih jista' jingħad, dejjem u bla tlaqliq, li ladarba jkun għadda dak iż-żmien il-proċedura ma tibqax iżjed "raġonevoli"[19]. Iridu jitqiesu flimkien għadd ta' fatturi bħalma huma (i) il-komplessita' tal-każ, (ii) l-imġiba tal-parti, u (iii) l-atteġġament tal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji. L-ebda fattur waħdu ma huwa konklussiv: iridu jitqiesu kollha separatement u mbagħad l-effett tagħhom ilkoll jitkejjel u jintiżen fid-dawl tal-każ li jkun;

Illi din il-linja ta' interpretazzjoni u applikazzjoni baqgħet issib appoġġ tal-Qorti Ewropeja sa dawn iż-żminijiet, ukoll f'każ li jqarreb ħafna ma' l-fatti li jikkaratterizzaw il-każ preżenti[20];

---

[16] Ara ECHR fil-kawża fl-ismijiet *Culjak vs Croatia* **19/12/2002** (Applic. 58115/00) par 63
[17] Ara ECHR fil-kawża fl-ismijiet *Buchholz vs Germany* **6.5.1981** (Applic. 7759/77) par 49
[18] Ara ECHR fil-kawża fl-ismijiet *Gast & Popp vs Germany* **25.2.2000** (Applic. 29357/95) par 70
[19] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* , paġ. 223
[20] ECHR **8.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Panek vs Poland*** (Applik. Nru. 3866B/97)

Illi dan it-tagħlim intlaqa' u ġie applikat ukoll mill-Qrati tagħna fit-tifsir li huma taw kemm lid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u kif ukoll dawk fil-Kostituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti ta' għamla penali[21]. U jista' jingħad ukoll li dan jgħodd kemm jekk il-Qorti li tkun qegħda twettaq funzjoni ta' ġudikatura kriminali u kif ukoll jekk tkun qegħda taqdi funzjoni istruttorja[22];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis ir-raġunijiet li ngħataw mill-Avukat Ġenerali biex jiġġustifikaw għaliex, fi żmien ta' aktar minn erba' snin, iż-żewġ xiehda li l-Prosekuzzjoni tant tqis bħala kruċjali għall-każ tagħha fil-proċedura kontra l-akkużat baqgħu ma tawx ix-xhieda tagħhom. Għar-rigward tax-xhud Scott Han, tissemma r-raġuni ta' "problemi amministrattivi". Jirriżulta li l-Qorti riferenti sabet li dawn il-problemi kienu jikkonsistu f'diffikulta' ta' għamla finanzjarja marbuta ma' ħlas u spejjeż biex l-imsemmi xhud jinġieb Malta biex jixhed. Għal din il-Qorti, dan huwa każ tipiku fejn ir-raġuni tad-dewmien hija marbuta sfiq ma' l-obbligu ta' kull stat li jorganiżża kif imiss l-istrutturi tiegħu proprju biex ħwejjeġ bħal dawn ma jxekklux il-kors tal-ġustizzja. Ir-raġuni dgħajfa mressqa mill-Avukat Ġenerali rigwardanti n-nuqqas ta' tressiq tal-imsemmi xhud, mistura kif inhi fi kliem ewfemistiku, tixhed waħedha kemm ma hix mistħoqqa. Jidher li l-istess Qorti riferenti kellha l-istess fehma, għaliex biżżejjed wieħed jara l-punteġġatura minnha wżata fid-degriet tagħha;

Illi għar-rigward tal-każ tax-xhud Debono, il-Qorti ma tistax tkun daqshekk kategorika fil-fehma tagħha. Ma ġie bl-ebda mod kontestat li Carmel Debono huwa xhud siewi u meħtieġ fil-proċeduri kontra l-akkużat. Lanqas ma tqanqal dubju dwar il-jedd tal-imsemmi xhud li ma jixhidx b'mod li jista' jinkrimina lilu nnifsu fid-dawl ta' proċeduri kriminali mibdija kontrih. Iżda lil din il-Qorti ma ngħatalha l-ebda tagħrif dwar jekk il-proċeduri fil-konfront ta' Debono humiex jitmexxew 'il quddiem b'għaqal jew b'ħeffa raġonevoli b'mod li kemm jista' jkun malajr huwa jkun disponibbli għall-prosekuzzjoni fil-każ kontra l-akkużat Attard. Minħabba dawn il-mistoqsijiet kollha mhux

---

[21] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***
[22] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et vs Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)

imwieġba u l-iżjed minħabba li t-tressiq tax-xhud Debono jimplika t-taqbida bejn il-jeddijiet fondamentali tal-akkużat Attard fil-konfront tal-jeddijiet daqstant fondamentali tax-xhud Debono, il-Qorti ma tistax tasal għall-fehma li d-dewmien f'dan il-każ huwa wieħed mhux raġonevoli;

Illi, madankollu, biżżejjed tingħata raġuni jew tintwera ċirkostanza waħda mistħoqqa biex turi li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq biex il-Qorti tkun tista' ssejjes id-deċiżjoni tagħha dwar ir-riferenza magħmula lilha. Din iċ-ċirkostanza tirriżulta abbondantement murija fil-każ tax-xhud Scott Han;

Illi, kif ingħad f'okkażjonijiet oħrajn u aktar 'il fuq f'din is-sentenza, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-meżżi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq[23]. Din il-Qorti għalhekk tħalli f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati bħala l-Qorti kompetenti biex, fid-dawl tar-riżultanzi ta' din id-deċiżjoni, tirregola hi dwar il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri mressqin quddiemha, kif jippreskrivi l-istess artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni li taħtu saret ir-Riferenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** li l-ilment tal-akkużat jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fit-termini hawn fuq imfissrin; u

**Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

---

[23] Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.417**)

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------